

Mistoqsija għal tweġiba orali O-000051/2023

lill-Kummissjoni

Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

Alexander Bernhuber, Milan Brglez, Martin Hojsík, Michèle Rivasi, Anja Hazekamp

f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Suġġett: Inizjattiva Riveduta dwar il-Pollinaturi – Patt ġdid għall-pollinaturi

1. Il-Kummissjoni kif tivvaluta l-konformità tal-pjanijiet strateġiċi tal-politika agrikola komuni (PAK) mal-għanijiet tal-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi? Kif jistgħu jittejjbu l-pjanijiet strateġiċi tal-PAK biex jintlaħqu l-għanijiet tal-inizjattiva? Il-miżuri attwali tal-PAK dwar it-tisħiħ tal-bijodiversità kif jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-pollinaturi? Meta jitqiesu l-limitazzjonijiet tal-proċess ta' awtorizzazzjoni attwali għas-sustanzi kimiċi, bħall-pestiċidi u l-bijoċidi, il-Kummissjoni hija lesta li tipproċedi bi tranżizzjoni lejn valutazzjonijiet tar-riskju ambjentali olistiċi u bbażati fuq is-sistema għal firxa usa' ta' pollinaturi tal-insetti u li tagħti mandat lill-aġenziji rispettivi għal dan l-għan?
2. Il-Kummissjoni se tkompli timplimenta l-inizjattivi fit-tul li ġejjin: it-tisħiħ tal-irkupru tal-pollinaturi permezz ta' indikaturi u monitoraġġ; Insignia-EU; ix-xjenza u t-teknoloġija għall-insetti dakkara; u l-monitoraġġ Ewropew tal-bijodiversità f'pajsaġġi agrikoli; X'kienu l-ostakli għat-tnedija ta' indikatur tal-pollinaturi tal-PAK funzjonali u dawn kif se jiġu indirizzati?
3. Il-Kummissjoni kif se tappoġġja l-bini tal-kapaċità (tassonomisti professjonali u xjentisti ċittadini) biex tinfed il-monitoraġġ tal-pollinaturi u r-rappurtar tad-data? Il-Kummissjoni kif biġisiebha ttejjeb l-aċċess għal għotjiet operattivi iżgħar għal individwi u organizzazzjonijiet mhux governattivi?

Imressqa: 26.10.2023

Skadenza: 27.1.2024